MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Appell Civili Numru. 85/2011/1

**Matilde *sive* Matty Sultana ġià Matilde s*ive* Matty Mercieca
fil-kwalità tagħha ta' eredi universali tal-mejjet Lawrence Gauci,
u Joseph Sultana għal kwalunkwe interess li jista' jkollu**

**v.**

**Reverendu Kappillan Ignazio Borg
fil-kwalità tiegħu ta' Kappillan *pro tempore*
tal-Parroċċa ta' San Lawrenz, Għawdex, u in rappreżentanza
tal-istess; u l-Eċċellenza Tiegħu Mario Grech**

**fil-kwalità tiegħu ta' Isqof tad-Djoċesi ta' Għawdex u in rappreżentanza tal-istess Djoċesi**

1. Dan huwa appell minn dikriet li ċaħad talba tal-atturi magħmula taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili biex issir korrezzjoni fir-rikors maħluf li bih inbdiet il-kawża. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Fir-rikors illi bih bdiet il-kawża l-atturi fissru illi Lorenzo Gauci, awtur tal-attriċi, kien silef sebat elef lira (Lm7,000) – daqs sittax-il elf, tliet mija u ħames euro u wieħed u sittin ċenteżmu (€16,305.61) – lill-Parroċċa konvenuta ta' San Lawrenz f'Għawdex biex tinbena dar għall-anzjani. Dan is-self sar fl-4 ta' April 2003 għal sena minn dakinhar b'ċedola li fuqha hemm imniżżla dawn il-kundizzjonijiet:

"a) meta tagħlaq is-sena mid-data [tas-self], u ma tiġix żbankata, terġa' tiġġedded għal sena oħra awtomatikament;

"b) is-somma mislufa tintradd fuq talba personali tad-depożitant biss;

"ċ) f'każ li jiġi nieqes ma jkollu ħadd id-dritt għalih li jitolbu, u l-kapital kollu jgħaddi għad-Dar tal-Anzjani;"

3. L-attriċi tgħid illi hija bħala mandatarja ta' Lorenzo Gauci f'ismu u fuq struzzjonijiet tiegħu talbet illi jintradd is-self iżda, għalkemm din it-talba saret matul ħajtu, il-flus mislufa ma ntraddewx.

4. Lorenzo Gauci miet fl-24 ta' Awissu 2007 u l-attriċi hija l-werrieta universali tiegħu. Tenniet it-talba biex jintradd is-self ukoll wara mewt Lorenzo, iżda l-konvenuti rrifjutaw għax kienu tal-fehma illi "t-talba ma tistax tiġi milqugħa għax jirriżulta biċ-ċar li tali flus setgħu jiġu mitluba fuq talba personali tad-depożitant biss". L-atturi għalhekk fetħu l-kawża tallum u komplew jippremettu fir-rikors maħluf:

"10. Illi dan ir-rifjut ma għandu l-ebda bażi legali *stante* li fil-liġi meta mandant jappunta mandatarju dan għandu l-poteri kollha li jagħtih il-mandanti u meta jaġixxi f'isem il-mandanti dak li jagħmel il-mandatarju huwa kunsidrat li għamlu l-mandanti (artikolu 1857(1) tal-Kap 16). Dan huwa prinċipju ben stabbilit u inkontestabbli u għalhekk ir-rifjut tal-intimati huwa legalment inġustifikat;

"11. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, wara l-mewt ta' Lorenzo Gauci, l-unika raġuni li jista' jkun hemm għar-rifjut huwa dak li jirriżulta mill-klawsola (ċ) taċ-'ċedola ta' self' fuq imsemmija. Iżda din il-klawsola hija manifestament nulla *stante* li disposizzjonijiet għal wara l-mewt ta' persuna jistgħu jsiru biss permezz ta' testrment li jirrikjedi att notarili u dan taħt penali ta' nullità. Iċ-ċedola tad-depożitu żgur li mhix testment."

5. Imbagħad talbu illi l-qorti:

"(i) Tiddikjara illi Lorenzo sive Lawrence Gauci f'ħajtu kien intitolat u issa l-eredi tiegħu l-esponenti Matilde *sive* Matty Sultana ġà Matilde *sive* Matty Mercieca hija intitolata għall-ħlas lura tal-ammont ta' sebat elef lira Maltin illum ekwivalenti għal sittax-il elf tliet mija u ħames euro u wieħed u sittin euro ċenteżmi (€16,305.61) mislufa minn Lorenzo *sive* Lawrence Gauci lill-Parroċċa ta' San Lawrenz għall-iżvilupp tad-dar tal-anzjani ta' San Lawrenz *stante* li huwa meta kien għadu ħaj ġà kien għamel it-talba lura għar-radd ta' dawn il-flus, liema talba illum qiegħda issir mill-eredi universali tiegħu Matilde *sive* Matty Sultana ġà Matilde *sive* Mattv Mercieca;

"(ii) Konsegwentement tordna lill-intimati sabiex huma jew min minnhom jirrifondu lura lil Matilde *sive* Matty Sultana ġà Matilde *sive* Matty Mercieca fil-kwalità tagħha ta' eredi universali tal-mejjet Lorenzo *sive* Lawrence Gauci l-ammont ta' sebat elef lira Maltin illum ekwivalenti għal sittax-il elf tliet mija u ħames euro u wieħed u sittin euro ċenteżmi (€16,305.61);

"(iii) Tordna wkoll lill-istess intimati sabiex huma jħallsu l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-ammont misluf lilhom u dan mid-data tal-ispedizzjoni tal-ittra uffiċjali numru 444/2009 datata tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u disgħa (2009) sad-data tal-effettiv pagament."

6. Il-konvenuti ressqu din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

"1. illi huwa sottomess b'mod preliminari li t-talbiet attriċi ma jreġux peress li ġaladarba fit-talbiet taghhom l-atturi ma talbux id-dikjarazzjoni ta' nullità jew illegalità tal-kundizzjonijiet (b) u (ċ) taċ-ċedola ta' self in kwistjoni, jew xi waħda minnhom, – li fil-premess tal-kawża jingħad li huma nulli – huma ma jistgħux jitolbu li ċ-ċedola ta' self

tiġi osservata, jekk mhux billi jiġu osservati anki l-istess kundizzjonijiet."

7. B'rikors tal-5 ta' Mejju 2012 magħmul taħt l-art. 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-atturi talbu illi l-paragrafu li jintroduċi t-talbiet fir-rikors maħluf jiġi mibdul hekk:

"Għaldaqstant – u mogħtija dawk id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u opportuni, fosthom dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawsoli (b) u/jew (ċ) taċ-ċedola ta' depożitu hawn fuq imsemmija – jgħidu l-konvenuti għala dina l-onorabbli qorti m'għandhiex ..."

8. Il-konvenuti opponew għat-talba u l-Qorti b'dikriet tal-24 ta' Mejju 2012 ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

"Illi l-artikolu 175(1) tal-Kap. 12 jagħti fakoltà lill-qorti sabiex fuq talba ta' waħda mill-partijiet tordna s-sostituzzjoni ta' xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, għall-iżbalji hemm indikati, u *inter alia* "jew billi jissewwa kull żball ieħor jew billi jiddaħħlu ħwejjeġ oħra ta' fatt jew ta' dritt ukoll permezz ta' nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bħal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża".

"Illi fl-opinjoni ta' din il-qorti l-korrezzjoni fit-termini mitluba mill-atturi twassal għal tibdil fis-sustanza tal-azzjoni u hija evidenti li qiegħda tintalab sabiex telimina l-ostakolu tal-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. It-talba tar-rikorrenti ma hiex sempliċi bidla marġinali jew bidla li taqa' fil-parametri tal-artikolu 175(1) tal-Kap 12. Filwaqt li fil-ħdax-il pre-messa l-atturi jippremettu mingħajr pregudizzju li l-klawsola (ċ) taċ-ċedola ta' self hija nulla, min-naħa l-oħra l-atturi mkien fir-rikors promotur ma jallegaw in-nullità tal-klawsola (b) taċ-ċedola ta' self. Dan ifisser li kieku l-qorti kellha takkolji t-talba tal-atturi kif proposta l-parametri tal-azzjoni attriċi se titwessa' konsiderevolment u dan ċertament mhuwiex l-ispirtu tal-artikolu 175(1) tal-Kap. 12.

"Illi infatti lanqas huwa permissibbli għall-qorti li tordna tali korrezzjonijiet jew żjieda fit-talbiet għaliex proprio tali talbiet "ibiddlu s-sustanza tal-azzjoni" u wkoll "l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża"."

9. L-atturi talbu fakoltà li jappellaw minn dan id-dikriet, u l-fakoltà ngħatatilhom b'dikriet tal-20 ta' Ġunju 2012 taħt l-art. 229(3) u (5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u

Proċedura Ċivili. L-atturi mbagħad appellaw b'rikors tas-26 ta' Ġunju 2012. Huma jammettu illi d-deċiżjoni tal-ewwel qorti hija tajba fejn ċaħdet it-talba dwar il-klawsola (b)[1], għax fir-rikors maħluf ma hemm ebda premessa li dik il-klawsola hija nulla u hija żbaljata l-eċċezzjoni meta tgħid hekk. Għalhekk ma hemm ebda ħtieġa ta' talba għal dikjarazzjoni ta' nullità ta' dik il-klawsola.

10. Dwar il-klawsola (ċ)[2], wara li jiċċitaw sentenzi li jgħidu illi ma hux meħtieġ li tintalab espressament dikjarazzjoni li tkun meħtieġa biex tintlaqa' xi waħda mit-talbiet, għax it-talba għal dik id-dikjarazzjoni tkun "impliċita" fit-talba l-oħra, l-atturi jkomplu jghidu hekk:

"… it-talba għan-nullità tal-kundizzjoni (ċ) hija impliċita fit-talbiet fir-rikors promotur, billi t-talbiet huma marbuta mal-premessi (tant li, meta ġew għat-talbiet, l-appellanti qalu li qed jagħmluhom "għaldaqstant", fi kliem ieħor a bażi tagħhom). Għalhekk, hija s-sottomissjoni tal-appellanti li t-talba li jinbidel il-paragrafu introduttiv tat-talbiet fir-rikors promotur kif indikat fit-tielet paragrafu tar-rikors iddatat 5 ta' Marzu 2012 (però limitat issa ghall-klawsola (ċ)) fl-ismijiet premessi la tbiddel is-sustanza tal-azzjoni u lanqas l-eċċezzjoni fuq il-mertu tal-kawża. Huwa sottomess li l-unika effett tal-bidla huwa li jiċċara li t-talbiet attriċi għandhom neċessarjament isegwu dikjarazzjoni rigwardanti n-nullità tal-klawsola (ċ). It-talba tressqet, u qed tiġi segwita b'dan l-appell, billi l-appellati qed iressqu, u qed jinsistu fuq eċċezzjoni li ma tirriflettix id-duttrina hawn esposta. Li ma kienx għal dan, ir-rikors promotur seta' baqa' kif ippreżentat."

11. Il-konvenuti wieġbu illi t-talba li għamlu l-atturi ma tistax tintlaqa' għax l-art. 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jħallix li jsir tibdil illi jbiddel fis-sustanza l-azzjoni jew l-eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża:

"… fit-talbiet tiegħu, ir-rikors ġuramentat odjern bl-ebda mod ma jattakka l-validità *o meno* taċ-ċedola ta' self mertu tal-kawża. Madanakollu, fil-korrezzjoni proposta, qed jiġi mitlub li ssir talba biex tiġi dikjarata nulla parti minn din l-

[1] "is-somma mislufa tintradd fuq talba personali tad-depożitant biss".

[2] "f'każ li jiġi nieqes ma jkollu ħadd id-dritt għalih li jitolbu, u l-kapital kollu jgħaddi għad-Dar tal-Anzjani."

istess ċedola ta' self: talba li sejra ovvjament tbiddel totalment is-sustanza tal-azzjoni proposta. L-inklużjoni ta' din it-talba addizzjonali tikkonsisti f'tibdil, u żjieda, fin-natura jew is-sostanza tal-azzjoni peress li fir-rigward ta dawn it-talbiet, il-qorti jkollha tindaga dwar il-validità *o meno* tal-klawsoli fl-iskrittura in diżamina u mhux sempliċiment tindaga dwar jekk l-atturi humiex intitolati għall-ħlas mitlub. …"

12. Jgħidu wkoll illi f'każijiet fejn il-qrati ħallew li tiżdied talba għal dikjarazzjoni li tkun "impliċita" f'talba oħra, dan sar biss fejn kien hemm ukoll talba ġenerika "biex tiġi mogħtija kull dikjarazzjoni meħtieġa", iżda fir-rikors maħluf tal-atturi ma hemmx talba bħal dik.

13. Fil-fehma ta' din il-Qorti sewwa qalu l-atturi, ghar-ragunijiet minnhom msemmija, illi "r-rikors promotur seta' baqa' kif ippreżentat". Jista' jinqala' l-punt jekk il-klawsola (c) hix wahda kontrattwali jew hijiex wahda testamentarja. Dan il-punt jibqa' f'dan l-istadju impregudikat u mholli ghad-decizjoni tal-Qorti tal-ewwel grad.

14. Barra minn hekk, ħlief b'interpretazzjoni ankrata fl-epoka arkajka tad-dritt, fejn kollox kien jiddependi fuq l-użu ta' formoli ritwali, l-eċċezzjoni tal-konvenuti ma tistax titqies bħala eċċezzjoni fuq il-meritu tal-kawża. Il-meritu tal-kawża huwa jekk il-flus għandhomx jintraddu lill-attriċi jew le: l-eċċezzjoni ma tolqotx dan il-meritu iżda biss il-kwistjoni proċedurali jekk dikjarazzjonijiet possibilment meħtieġa għandhomx jintalbu espliċitament – bħallikieku min jitlob li jingħata l-ilma biex jixrob jeħtieġlu jitlob ukoll illi l-ilma jinġieblu f'recipjent – jew jitqisux impliċiti, bħal meta min jitlob l-ilma biex jixrob qiegħed ukoll bilfors jitlob illi l-ilma jinġieblu f'recipjent biex ikun jista' jixorbu.

15. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti, billi hija tal-fehma illi ż-żjieda fir-rikors maħluf ta' talba għal dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawsola (ċ), għalkemm ma hijiex meħtieġa, hija żjieda li tista' ssir taħt l-art. 175(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tirriforma d-dikriet appellat billi tikkonfermah fejn ċaħad it-talba relattivament għall-klawsola (b), tħassru fejn ċaħad l-istess talba relattivament għall-klawsola (ċ) u, minflok, tilqa' t-talba biex jinbidel il-paragrafu li jintroduċi t-talbiet fir-rikors maħluf b'mod illi dak il-paragrafu jiġi jaqra hekk:

"Għaldaqstant – u mogħtija dawk id-dikjarazzjonijiet meħtieġa u opportuni, fosthom dikjarazzjoni ta' nullità tal-klawsola (ċ) taċ-ċedola ta' depożitu hawn fuq imsemmija – jgħidu l-konvenuti għala dina l-onorabbli qorti m'għandhiex ..."

16. Il-Qorti żżid tgħid illi tqis dan l-episodju bħala għal kollox żejjed u fieragħ, u qatt ma messu nqala', għax serva biss biex il-proċeduri twalu għalxejn b'sena u nħela ħin ġudizzjarju li seta' aktar utilment ġie dedikat għas-soluzzjoni ta' tilwimiet veri, flok ta' kwistjonijiet maħluqa artifiċjalment.

17. Billi t-talba magħmula mill-atturi ma kinitx strettament meħtieġa, huwa xieraq illi dawn ukoll ibatu sehem mill-ispejjeż. Għal din ir-raġuni l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta' dan l-appell, jinqasmu hekk: sehem minn erbgħa (¼) jħallsuh l-atturi u tliet ishma minn erbgħa (¾) jħallsuhom il-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------